MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 1412/2010

**Go Plc (C-22334)**
**Vs**
**Khaled Al Gedidi (K.I. 150594M) u**
**Sharon Al Gedidi (K.I. 365173M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta’ hames mija sebgha u sittin ewro w erbgha u sebghin centezmu (€567.74) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuti lil Go Plc in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru AC40008380, numru tas-servizz 2157 2715, skont diversi kontijiet mibghuta lilhom u skont kif jirrizulta mid-dokument anness mat-talba mmarkati Dok A u B.

Illi l-konvenuti gew nterpellati diversi drabi sabiex jghaddu ghal hlas, izda l-konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza .

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti li minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta ghalkemm debitament notfikati.

Ra li l-konvenuti naqsu li jidhru ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tal-24 ta’ Jannar, 2011 mill-Avukat Ingrid Zammit Young.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenuti naqsu milli jipprovaw il-kaz taghhom quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------